MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 960/2004

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Penza Construction Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Mejju 2004 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' erba' mija u disgha u tletin liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm439.91) rapprezentanti danni kkagunati lill-*cables* tal-korporazzjoni attrici li jinsabu fi Triq il-Gharghur kantuniera ma' Triq Murray fit-28 ta' Ottubru 2002.

Bl-ispejjes u bl-imghax mid-data ta' l-incident sad-data ta' l-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tas-socjeta’ konvenuta fejn gie eccepit is-segwenti:
Illi preliminarjament is-socjeta’ konvenuta mhijiex il-legittima kontradittrici stante li qatt ma wettqet l-ebda xogholijiet fl-inhawi msemmija fl-Avviz tat-Talba, li setghu ikkagunaw hsarat lill-*cables* propjeta’ tal-korporazzjoni attrici u ghalhekk l-istess socjeta’ konvenuta titlob li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.
Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, it-talbiet attrici f’kull kaz jigu michuda stante illi kwlaunkwe hsarat li allegatament saru fuq *cables* ma gewx ikkagunati mis-socjeta’ konvenuta, u dank if ser jigi ppruvat ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Illi ukoll minghajr pregudizzju ghas-sueccepit u kif ukoll fil-mertu, l-ammont mitlub u f’kull kaz eccessiv.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Sema’ x-xhieda ta’ Karl Galea, Charles Fenech u WPC180 Sandra Borg. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-korporazzjoni attrici.

Ikkunsidra:

Illi mill-provi mressqa mill-korporazzjoni attrici u senjatament mir-rapport tal-Pulizija esebit a fol. 25 u 26 tal-process irrizulta li kienu haddiema tas-socjeta’ konvenuta li laqtu cable propjeta’ tal-korporazzjoni attrici liema cable kien jinstab fi Triq il-Gharghur in-Naxxar u li Carmelo Penza, a nom tas-socjeta’ konvenuta, kien iffirma dikjarazzjoni (esebita a fol. Numru 27 tal-process) fejn iddikjara li s-socjeta’ konvenuta ser taghmel tajjeb ghad-danni kkagunati mis-socjeta’ attrici.

Is-socjeta’ konvenuta naqset milli tressaq provi in sostenn ta’ dak minna eccepit fir-risposta u dan nonostante li nghatat diversi opportunitajiet sabiex taghmel dan.

Il-provi attrici jirrizultaw sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta’

konvenuta thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta’ erba’ mija u disgha u tletin liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm439.91) bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------